

Il-Ġurnal Uffiċjali L 100 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

13 ta' April 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/755 tat-13 ta' April 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/756 tat-13 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** 4

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/755

tat-13 ta' April 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-perssjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi ulterjuri possibbli.
- (4) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li żewġ entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014 p. 6.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNEX

L-entitajiet li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-------|---|---|--|------------------|
| “210. | Wagner Group (bir-Russu: Группа Вагнера) magħruf ukoll bħala: Wagner Group PMC Wagner Liga League | Individwi assoċjati: Dimitriy Utkin; Yevgeniy Prigozhin | Wagner Group huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata r-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur ta' Slavonic Corps. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeniy Prigozhin. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, Wagner Group jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Wagner Group mexxa l-attakki kontra l-bliet Ukreni ta' Soledar u Bakmut f'Jannar 2023 u qed jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Wagner Group huwa responsabbli għal appoġġ materjali għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 13.4.2023 |
| 211. | RIA FAN magħrufa wkoll bħala: FNA Federal News Agency LLC RIA FNA | Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 11.5.2014 Sit web: www.riafan.ru Individwu assoċjat: Yevgeniy Prigozhin Entitajiet assoċjati: Patriot Media Group; Wagner Group. | RIA FAN hija parti minn Patriot Media Group, organizzazzjoni tal-media Russa li l-Bord tal-Fiduċjarji tagħha huwa mmexxi minn Yevgeniy Prigozhin. RIA FAN hija involuta fi propaganda favur il-gvern u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. RIA FAN tirreferi għall-gwerra ta' aggressjoni li għaddeja kontra l-Ukrajna bħala missjoni biex twaqqaf in-“Nazisti Ukreni” u tippromwovi azzjonijiet li jitwettqu minn Wagner Group. Għalhekk, RIA FAN hija responsabbli għal appoġġ materjali għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. RIA FAN hija assoċjata wkoll ma' Patriot Media Group. | 13.4.2023” |

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/756

tat-13 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-perssjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' miżuri restrittivi ulterjuri possibbli.
- (4) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li żewġ entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (5) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNEX

L-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|------|---|--|--|------------------|
| 210. | Wagner Group (bir-Russu: Группа Вагнера) magħruf ukoll bħala: Wagner Group PMC Wagner Liga League | Individwi assoċjati: Dimitriy Utkin; Yevgeniy Prigozhin | Wagner Group huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata r-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur ta' Slavonic Corps. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeniy Prigozhin. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, Wagner Group jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu. Wagner Group mexxa l-attakki kontra l-bliet Ukreni ta' Soledar u Bakhmut f'Jannar 2023 u qed jipparteċipa b'mod attiv fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Wagner Group huwa responsabbli għal appoġġ materjali għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 13.4.2023 |
| 211. | RIA FAN magħrufa wkoll bħala: FNA Federal News Agency LLC RIA FNA | Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 11.5.2014 Sit web: www.riafan.ru Individwu assoċjat: Yevgeniy Prigozhin Entitajiet assoċjati: Patriot Media Group; Wagner Group. | RIA FAN hija parti minn Patriot Media Group, organizzazzjoni tal-media Russa li l-Bord tal-Fiduċjarji tagħha huwa mmexxi minn Yevgeniy Prigozhin. RIA FAN hija involuta fi propaganda favur il-gvern u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. RIA FAN tirreferi għall-gwerra ta' aggressjoni li għaddeja kontra l-Ukrajna bħala missjoni biex twaqqaf in-"Nazisti Ukreni" u tippromwovi azzjonijiet li jitwettqu minn Wagner Group. Għalhekk, RIA FAN hija responsabbli għal appoġġ materjali għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. RIA FAN hija assoċjata wkoll ma' Patriot Media Group. | 13.4.2023" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)